# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 10**

**Rikors Numru 536/2024**

**Laferla Insurance Agency Ltd (C14529)**
**vs**
**Zoltan Biro (K.I. Nru.: 0273475A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Laferla Insurance Agency Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tal-14 ta' Mejju 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' hamsa u sittin elf Ewro (€65,000), rappreżentanti bilanc ta' somma akbar tal-flus mislufa lill-konvenut fuq talba tiegħu stess permezz ta' skrittura privata ta' self tas-6 ta' Settembru 2023 (**Dok. LIA**).

2. Illi s-socjeta' attrici kienet permezz tal-iskrittura privata tas-6 ta' Settembru 2023 selfet lill-konvenut is-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) u dan taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess kitba anessa u mmarkata Dok LIA;

3. Illi fit-2 ta' Frar 2024 il-konvenut hallas is-somma ta' hamsa u tlettin elf Ewro (€35,000) akkont tal-imsemmi self, b'dan illi l-ammont ta' hamsa u sittin elf Ewro (€65,000) ghadu dovut lis-socjeta' esponenti, oltre l-imghax;

4. Illi nonstante interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-imsemmi ammont, il-konvenut baqa' ma hallasx u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Qeghda tigi anessa ghal kull buon fini ittra mibghuta lill-konvenut nhar id-9 ta' Jannar 2024 (anessa u mmarkata bhala **Dok LIA 1**);

5. Illi jeżistu r-rekwiżiti kollha skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din it-talba tigi deciza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, u dan billi l-ħlas tas-somma ta' €65,000, bl-imghax dekors mid-data tal-ftehim sad-data tal-pagament effettiv, pagabbli mill-konvenut lis-socjeta' attrici huwa dejn li huwa ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' fatt.

6. Illi l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba għall-ħlas tas-somma msemmija b'mod illi skont il-ligi dina l-Onorabbli Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza b'dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan kif mahsub fid-dispozizzjoni tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Għaldaqstant**, u in vista tal-premess, is-socjeta' esponent titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa dikjarazzjonijiet kollha necessarji u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sittin elf Ewro (€65,000), dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici kif hawn fuq inghad, salv l-imghax dekors mid-data tal-ftehim sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax dekorribbli skont il-liġi ukoll skont id-direttiva 2011/7/EU kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat li Zoltan Biro (il-konvenut) debitament notifikat kif trid il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata u minkejja li tagħtu wkoll żmien biex jagħmel nota ta' sottomissjonijiet kif jitlob l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta baqa' inadempjenti.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda tas-Soċjeta' Attriċi.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Wara li qieset id-dokumenti fl-atti u anke semgħet ix-xhieda mressqa mis-Soċjeta' Attriċi l-Qorti hija konvinta li l-ammont li qed jintalab f'din il-Kawża huwa dovut. Il-konvenut kellu kull opportunita' sabiex irressaq il-każ tiegħu iżda ma għamel xejn minn dan. Is-Soċjeta' Attriċi qed titlob l-imgħaxijiet mid-data tal-iskrittura tas-6 ta' Settembru 2023. Is-soċjeta' attriċi esebit dokument li jindika ċar li l-konvenut huwa fin-negozju għalhekk meta huwa ħa s-self inkwistjoni kien qed iwettaq att ta' kummerċ. Dan jemerġi wkoll minn klawsola numru 1 tal-iskrittura tas-6 ta' Settembru 2023 (a' fol 11).

Issa s-Soċjeta' Attriċi qed titlob imgħaxijiet mid-data tal-iskrittura iżda l-Qorti tfakkar li 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita*" (Emfażi tal-Qorti). Klawsola 2 tal-iskrittura tipprovdi li "*The loan shall be repaid by not later than 15th October 2023 or within 3 days following the written demand of the Creditor*". Issa b'ittra legali datata 9 ta' Jannar 2024, il-konvenut ġie mitlub iħallas l-ammont kollu misluf fi żmien ġimgħa u dan minkejja dak li jistipula l-ftehim u ċioe' fi żmien tlett ijiem mis-sejħa. Għalhekk, skond din il-Qorti l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mis-16 ta' Jannar 2024.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' ħamsa u sittin elf ewro (€65,000) bl-imgħaxijiet legali mis-16 ta' Jannar 2024 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**